Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 71/2011AE

**Adam Dalli u martu Catherine Dalli**

**Vs**

**Ruth Shoeb u zewgha Khaled Salem Mohammed Shoeb**

L-Erbgha, 11 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' avviz prezentat fis-26 ta' Jannar 2011 l-atturi talbu l-hlas ta' €1,500 bhala danni ghall-hsara li qalu li saritilhom fil-fond 29, Triq id-Daqqaqa, Qajjenza, Birzebbugia b'rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti.

Min-naha taghhom il-konvenuti kkontestaw it-talba u argumentaw li l-perkolazzjoni tal-ilma ma kinitx mill-fond taghhom.

B'sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-18 ta' Ottubru, 2013 it-talba tal-atturi giet michuda.

L-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravju taghhom hu li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi meta cahad it-talba tal-atturi sabiex jillikwidaw id-danni li sofrew fil-madum tal-kcina, wara li kkonkluda li ma kienx hemm prova li l-madum ittebba' ghaliex dahal ilma mill-fond tal-konvenuti. L-atturi jsostnu li kien hemm prova teknika li l-hsara fil-madum kien minhabba l-perkolazzjoni tal-ilma mill-fond tal-konvenuti. Inoltre, t-Tribunal irid japplika mhux biss il-ligi izda jrid jiddeciedi fuq bazi ta' ekwita.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Jirrizulta li fil-mori tal-proceduri l-parti l-kbira tal-hsara li kienu qeghdin jilmentaw minnha l-atturi, issewwiet mill-konvenuti. Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2012 gie verbalizzat:

   *"Dr Charmaine Cherret ghall-attur tinforma lit-Tribunal illi fil-mori tad-differiment sar it-tibdil fil-fond proprjeta tal-attur mill-persuni nkarigati mill-konvenuti, liema xoghol gie mwettaq ghas-sodisfazzjon tal-istess attur.*

*Madankollu Dr Charmaine Cherrett ghall-attur tirrileva li jonqos li jsir il-polishing tal-istess u f'dan ir-rigward ghandha stima dwar l-ispiza li tkun mehtiega sabiex dan ix-xoghol isir"* (fol. 34)[1].

Sussegwentement, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2012 l-istess difensur iddikjarat li: *"... ser tipprezenta nota ta' riduzzjoni relattiva ghat-talba tal-attur u li ghandhhom jitressqu l-provi dwar dik il-parti tat-talba li ghadha in kwistjoni"* (fol. 35). Madankollu n-nota ta' riduzzjoni baqghet ma gietx prezentata.

2. Skond stima li pprezenta l-attur l-ispiza ghal *polishing* tal-madum kienet ta' €450 (fol. 51). F'dan ir-rigward it-Tribunal qal:

*"Illi f'dak li jirrigwarda l-madum tal-kcina, u li hija l-unika spiza li fadal pendenti u li dwarha hemm kontestazzjoni mill-konvenuti, gew ipprezentati xi ritratti li gew mehmuza mar-rapporti tal-Periti illi juru illi hemm parti mill-paviment tal-madum illi huwa mtebba. Illi ghalkemm l-atturi u l-Perit taghhom qed isostnu illi tali tbajja gew ikkawzati mill-ilma li dahal mill-proprjeta' tal-konvenuti, madanakollu, it-Tribunal huwa kemmxejn riluttanti illi jaccetta din it-tezi bhala wahda verosimili, u dan in kwantu ma jirrizultax kjarament xi hsara rrizultat f'dan il-madum. Illi fl-ebda waqt ma ngabet ebda prova mill-atturi dwar l-istat u kundizzjoni tal-madum qabel ma dahal l-ilma fil-boat house in kwistjoni, u ghalhekk ma jirrizultax sodisfacentement illi kien hemm xi tibdil, jew li rrizultat xi hsara f'tali madum, b'segwitu ta' dan l-ingress ta' ilma. Illi oltre dan, u tenut kont illi l-ilma li kien qed jidhol fil-fond proprjeta' tal-atturi kien ilma nadif, u mhux kontaminat, huwa ferm improbabbli illi kien ser jikkawza l-allegat hsara fil-madum li dwarha qed jilmentaw l-atturi, u cioe' xi tbajja fil-madum, sakemm dan il-madum ma kienx ta' xi kwalita' inferjuri, f'liema kaz allura, il-hsara ma tistax tigi attribwita unikament lill-konvenuti.*

*Illi ghalhekk, u fic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma rrizultax sodisfacentement dak allegat mill-atturi, specifikament f'dak li jirrigwarda hsara fil-madum tal-boat house proprjeta' tal-atturi, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jichad it-talba taghhom ghall-hlas tad-danni msemmija".*

3. Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

    i. L-appell tal-atturi jitratta l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. Gialadarba fiz-zmien li nghatat is-sentenza il-hlas li

[1] F'dan ir-rigward l-attur xehed: *"…. sabiex jinghorok il-madum hemm spiza ta' erba' mija u hamsin ewro (€450). Mill-kumplament ix-xoghol l-iehor li hemm indikat, dak sar u huwa lest imhallas. U ghalhekk m'ghandix pretensjoni in konnessjoni maghhom"* (fol. 38).

kienu qeghdin jippretendu l-atturi kien ta' €450, appell seta' jsir biss fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Dan il-kaz ma kienx wiehed minn dawk li jissemmew fl-imsemmi provvediment, fejn hu dejjem moghti appell irrispettivament mill-ammont tat-talba. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti l-appell qatt ma kellu jsir.

ii. Fil-kaz in ezami l-ekwita' m'ghandha x'taqsam xejn. It-Tribunal semgha l-provi u kkonkluda li ma giex pruvat li t-tbajja' fil-madum kienu rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti.

iii. Fir-rikors tal-appell l-atturi qalu: *"ix-xhieda tal-Perit u r-rapport redatt minnu stess kien bizzejjed bhala prova sufficjenti illi l-madum in kwistjoni ittebba u kellu jigi polished konsegwenza diretta tal-perkolazzjoni ta' ilma derivanti mill-fond tal-konvenuti"*. F'rapport datat 2 ta' Novembru 2010 (fol. 2) jinghad: *"In one particular instance the kitchen floor tiles got stained and require re-polishing"*. Mehmuz mar-rapport hemm ritratt li juri parti biss mill-madum imtebba'. Imbaghad f'rapport datat 16 ta' Jannar 2011 kull m'hemm hu ritratt zghir (Photo 2) u l-kliem: *"The damage in the kitchen floor tiles and the kitchen cupboard"*. Il-qorti m'hijiex konvinta mit-tezi tal-atturi. Mir-ritratti jidher li t-tbajja' huma **biss** f'parti mill-madum tal-art. Dan ma jaghmilx sens jekk kif qal l-attur kien sab il-post mimli ilma. Inoltre, fil-fehma tal-qorti fir-rapporti tal-perit Hector Zammit u meta xehed hemm nuqqas ta' dettall fir-rigward tat-tbajja fil-madum. Id-dikjarazzjoni tal-perit Zammit li l-madum ittebba bl-ilma li dahal, m'hijiex bizzejjed. Kellu jissostanzja kif wasal ghal tali konkluzjoni. Haga li m'ghamilx.

**Ghaldaqstant tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.